**27 ta' Ġunju, 1985**

**Imħallef: -**

**L-Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Emanuel Sciberras

*versus*

Professur Dun Karm Sant, Charles Grech Orr bħala Editur u Dr. Austin Bencini bħala Stampatur ta' '*The Times*'.

**Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali - Konnessjoni fiċ-Ċitazzjoni**

***Il-konnessjonijiet fiċ-ċitazzjoni jistgħu jsiru f'kwalunkwe ħin tal-proċediment, anke matul il produzzjoni tal-provi ta' l-imputat, basta dawn ma jbiddlux l-imputazzjoni f'waħda ta' reat differenti u f'waħda aktar gravi, għalkemm fil-kompetenza ta' l-istess Qorti fi stadju tard tal-proċedura meta l-imputat ikun ġà xehed (jew għażel li ma jixhidx) u iżawrixxa l-provi tiegħu.***

Il-Qorti: -

Rat il-kwerela fl-ismijiet fuq premessi li fiha l-kwerelant Emanuel Sciberras ta' 130, Helen Buhagiar Street, Sta. Lucia, bħala membru tal-kunsill tal-Laboratorju tal-Paċi, akkuża lill-kwerelati fil-kwalità tagħhom ta' Kittieb, Editur u Stampatur tal-ġurnal '*Times*' ta' l-14 ta' Settembru, 1984, fil-paġna 8 taħt it-titolu "*Just and Equitable Solution*" fl-ittra lill-Editur ta' l-istess ġurnal, illibellaw lill-kwerelanti skond il-liġi bi kliem li jnaqqsulu ġieħu jew jesponuh għar-redikolu u raġunijiet oħra skond il-liġi;

Rat illi fl-ewwel seduta u ċjoè fil-15 ta' Ottubru, 1984 il-Prosekuzzjoni talbet il-korrezzjoni fl-akkuża fis-sens illi l-kliem Emanuel Sciberras jiġi sostitwit bil-kliem Emanuel Scicluna u dan ukoll kull fejn jirrikorri fil-proċess. Id-difiża opponiet *stante* li l-proċeduri huma nulli;

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tal-21 ta' Settembru, 1984 li biha laqgħet it-talba għall-korrezzjoni u ordnat li ssir l-istess korrezzjoni mitluba għalkemm tat differiment *stante*

n-natura tal-korrezzjoni u ordnat li spejjeż ikunu kontra l-kwerelati li "ma messhomx opponew l-korrezzjoni *stante* pronunċjamenti kostanti tal-ġurisprudenza" u dan wara li kkundisrat:

Illi f'dan l-istadju hu importanti li wieħed jeżamina l-artikolu 372 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u speċifikament dak li jgħid is-subartikolu (2) tiegħu:

"Iċ-ċitazzjoni għandha issemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fattijiet ta' l-akkuża, bil-partikolaritajiet ta' żmien u tal-lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw .......";

Ta' min isemmi minn l-ewwel li s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 372 (preċedentement artikolu 360 u qabel 356) kien ġie miżjud bl-artikolu 15 ta' l-Ordinanza IX tas-sena 1911 peress li qabel kien jingħad biss dak li hemm fl-ewwel sub-artikolu;

Fuq dan l-Onor. Imħallef Dr. W. Harding fil-kawża "Il-Pulizija - *vs* - Arthur S. Mortimer A. & C.E." deċiża fis-6 ta' Diċembru, 1948 - Appell Kriminali Vol. XXXIII - IV- 760 qal hekk:

"Qabel xejn hu ta' assistenza f'din il-kwistjoni dak li qal l-avukat tal-Kuruna fil-Kunsill tal-Gvern meta ġie diskuss l-artikolu 15 fuq imsemmi ta' l-Ordinanza IX ta' l-1911, li bih ġiet introdotta din l-innovazzjoni dwar iċ-ċitazzjoni. Minn dawn ir-rimarki jidher ċar illi l-karattru essenzjali taċ-ċitazzjoni, ċjoè li ċ-ċitazzjoni ma hiex ħlief mod ta' preżentazzjoni ta' l-imputat quddiem l-awtorità ġudizzjarja, meta ma hux indispensabbli l-arrest ma ġiex imbiddel bl-emenda, u lanqas kien hemm ebda

intenzjoni mill-parti tal-leġislatur li tingħata liċ-ċitazzjoni forma solenni mhux konsistenti mal-karattru essenzjali tagħha. Infatti d-deputat tal-poplu Dr. Pullicino fis-seduta tal-Kunsill tal-Gvern tas-7 ta' Ġunju, 1911 (*Debates Vol. XXXV pg. 1135* ) kien ippropona xi aġġunta. Fl-indikazzjonijiet taċ-ċitazzjoni u allura l-avukat tal-Kuruna allura qal hekk: "*L'emendamento proposto dell'Onorevole membro del Primo distretto ha per oggetto di parificare fino ad un certo punto la redazione della citazione con quella dell'atto di accusa*" kompla jitkellem f'dan il-punt fuq in-natura solenni ta' l-att ta' l-akkuża, u mbagħad qal: "*Ma non è così quando si tratta della citazione. La citazione nella sua essenza non è la intimazione di una imputazione. Il procedimento cui da luogo la citazione è un procedimento sommario diverso da quello che succede nella Corte Criminale di sua Maestà ...... Secondo la legge attuale la citazione non l'intesa ad esse altro che un ordine al contravventore di comparire innanzi alla Corte ......*";

Kif qal l-istess Imħallef W. Harding fil-kawża "Il-Pulizija - *vs* - Spiro Spiteri" deċiża fit-18 ta' Marzu, 1955 (Vol. XXXIX - IV - 987) "iċ-ċitazzjoni fil-ġudizzji sommarji, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza lokali in propożitu, ġiet introdotta fis-sistema kriminali patriju mis-sistema kriminali ingliża ...... u għalhekk il-Qrati ta' Malta segwew il-prinċipji tad-dritt Ingliż dwar din il-materja, serjatament il-prinċipju bażilari, hekk espress, aktar min sebgħin sena ilu fil-kawża "Terreni *vs* Gabarretta" 17 ta' Ġunju, 1880 Appell Kriminali ......";

Difatti fil-kawża "Terreni -*vs*- Gabarretta" fuq imsemmija kien intqal "*Che è di regola, anche nella Corte dèi Magistrati della Polizia Giudiziaria come Corte di Criminali Giudicatura, che non è indispensabilmente necessario attenersi strettamente e*

*precisamente ai termini della originaria citazione, quando anche il procedimento fosse per parte della Polizia, e che la Corte possa benissimo decidere in ogni caso per diretto risultato delle prove e dietro alla stessa avanzata citazione; è beninteso che si debba accordare, qualora si domandi, o quando la Corte stessa lo creda necessario, un breve termine per poter il citata difendersi su di una tale risultato diretto*";

Il Cremona fil-"*Raccolta della Giurisprudenza sul Codice Penale*" a fol. 282, jikteb hekk dwar l-artikolu 360 "*La citazione direttissima è tutta di origine inglese con l'istituzione del giudice unico (Police Magistrate acting singly) - (Rivista Penale del Lucchini serie 2a Vol. 40 Pag. 109);*

Fis-sistema ingliża, iċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha l-istess partikolaritajiet kif hemm fil-liġi Maltija u bl-istess mod ma hemm ebda nullità minħabba difetti fiċ-ċitazzjoni iżda biss dritt għal differiment fuq talba għal dan minn l-imputat. Ara f'dan is-sens "*Stone's Justice" Manual Vol. II para. 77* u l-*Criminal Justice Act (1925) Sec. 32* fejn jirriżulta li l-iskop tal-partikolaritajiet hu dak li jingħata "*reasonable information as to the nature of the charge*";

Tant hu hekk li fil-kawża "Polizija kontra Ashby" il-Qorti qalet "*La citazione è l'ordine della Polizia Esecuttiva all' imputati di comparare il giudizio, essa non è che un modo, di presentazione del giudicabile all'autorità giudiziaria quando non sia dispensabile l'arresto ...... Quella indicazione ha solo per oggetto di rendere l'imputato consapevole fin del momento iniziale del procedimento penale di ciò che egli vieni chiamato in giudizio a rispondere per potersi preparare alla difesa. La citazione non si può equiparare all'atto di accusa*". Ara wkoll

f'dan is-sens Appelli Kriminali "Pulizija *-vs-* Debono" 12 ta' Jannar, 1918, u "Carabott *-vs-* Galea" 12 ta' Ottubru, 1918;

Fis-7 ta' Ottubru, 1931, kienet ġiet deċiża l-kawża "Carmelo Araci *-vs-* Gioacchino Araci". Il-Maġistrat Bartoli fl-annotazzjonijiet tiegħu dwar il-Kodiċi Kriminali u speċifikament dwar l-artikolu 360 (illum 372) fil-paragrafu li jagħmel riferenza għal din il-kawża - "Araci *-vs-* Araci" hu jikkwota hekk:

"*È stato constatemente ritenuto da questa Corte non essere d'assere d'essenza Corte dettagli nell'atto di citazione per cui gli stessi posso correggersi; quello che è necessario è che l'imputato abbia conoscienza precisa dell'reato, che si addebita a lui con l'indicazione del tempo approssimattivo e del luogo perchè egli si possa adeguatamente difendere*". Dan kien każ fejn l-iżball kien jikkonsisti fl-indikazzjoni ta' l-inġurja permess ta' ittra magħmula "*entro gli ultimi tre mesi*" waqt li fil-fatt din l-ittra kienet miktuba qabel. F'dan il-każ appuntu l-eċċezzjoni ġiet miċħuda;

L-istess Maġistrat Baroli jkompli jikkommenta fil-paragrafu 15 fuq "*essere nel numero del automobile in un'accusa relativa a velocità eccessiva*" u jikkwota mill-kawża deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Ottubru, 1935 "La Polizia *-vs-* Giovanni Busuttil" u jgħid: "*Tale errore non è sufficiente per invalidare una citazione e la sentenza data su di essa, molto più quando l'eccezzione non è stata data in prim'istanza dove avrebbe potuto essere corretta*".

Fil-kawża "Il-Pulizija *-vs-* Gustavo R. Vincenti" deċiża mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' April, 1937 - Vol. XXXIX - IV

-688 reġa' ġie ribadit il-prinċipju li fil-Qorti t'Isfel (għalkemm mhux fl-istadju ta' l-Appell) iċ-ċitazzjoni hija sempliċi avviż u ordni ta' komparazzjoni, u għalhekk tista' tiġi korretta salv id-dritt għad-differiment;

Imħallef Harding fil-ktieb tiegħu "*Recent Criminal Cases Annotated*" wara li jagħmel riferenza għall-każ fuq imsemmi ta' Vincenti jirriferixxi wkoll taħt paragrafu 77 għall-kawża "Il-Pulizija -*vs*- Michelangelo Borg" deċiża fit-13 ta' Novembru, 1937;

Ara ukoll f'dan is-sens "Il-Pulizija -*vs*- Carmelo Mariani" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Ġunju, 1942;

Dwar il-fatt li ċitazzjoni jkun fiha indikazzjoni skorretta tal-post fejn sar ir-reat, dan ġie eżaminat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija -*vs*- Ganni Pirotta" fis-16 ta' Mejju, 1953 (Vol. XXXVII-IV-1095) fejn ġie deċiż li l-indikazzjoni żbaljata tal-post ma jġibx in-nullità taċ-ċitażżjoni jekk l-imputat jkun fehem għall-liema post fejn effettivament kien sar ir-reat, u mhux rigward il-post imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

L-istess Qorti fl-istess ġurnata fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija -*vs*- Toni Mifsud" irriteniet li jekk fiċ-ċitazzjoni jiġi indikat ċertu ħin, mentri mill-provi jidhru li r-reat ġie kommess f'ħin divers dan ma jwassalx għan-nullità taċ-ċitazzjoni;

Dwar data żbaljata, fil-kawża fuq imsemmija "Il-Pulizija -*vs*- Spiru Spiteri" (18/3/55) il-Qorti ikkwotat mill-Qorti Ingliża "*Exeter Corporation -vs- Heaman (1877. 42 JP 503)* illi "*when the date of the offence is incorrectly stated, the Court should annul the information or adjourn the hearing, not dismiss the case;*"

Fil-kawża "Il-Pulizija *-vs-* Charles Cutajar" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Marzu, 1965, il-Qorti sostniet li din il-korrezzjoni ma tistax issir meta tiġi mibdula f'imputazzjoni oħra aktar gravi imma fil-kompetenza ta' l-istess Qorti. Fil-kliem tal-Qorti: "hu veru illi ċ-ċitazzjoni kif ritenut mill-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hi avviż għall-komparizzjoni fil-Qorti tal-persuna ċitata fuq imputazzjoni magħmula lilha, u li ċ-ċitazzjoni tista' tiġi korretta bid-differiment tal-kawża jekk l-imputat ikollu bżonn. Iżda dan ma jwassalx legalment u loġikament sal-punt li, kif fil-każ preżenti, wara li jkun xehed l-imputat u eżawriti il-provi, għandha tintalab li l-imputazzjoni tinbidel f'waħda aktar gravi fil-ġurisdizzjoni ta' l-istess Qorti ġiudikatriċi";

*Illi din il-Qorti kif presjeduta mill-istess Maġistrat sedenti* fil-kawża il-Pulizija (Spettur A. Borg) *-vs-* Joseph Bonello" deċiża fis-6 ta' Ottubru, 1982, wara li kienet studjat diversi kawżi fuq dan is-suġġett ikkonkludiet b'dawn il-prinċipji:

"1. Iċ-ċitazzjoni hi sempliċi avviż għall-komparizzjoni li però fuqha għandu jkun hemm indikati dettalji biżżejjed ħalli l-imputat jkun jaf dwar dak li għandu jiddefendi ruħu u jipproduċi x-xhieda neċessarji għad-difiża tiegħu;

2. Iċ-ċitazzjoni ma tistax tiġi ekwiparata għall-att ta' l-akkuża. Tant kemm hu hekk li lanqas hu neċessarju li jissemmew l-artikoli tal-liġi Kriminali jew oħra li ġew miksura;

3. Il-korrezzjonijiet jistgħu jsiru fi kwalunkwe ħin tal-proċediment anke matul il-produzzjoni tal-provi ta' l-imputat basta dawn ma jbiddlux l-imputazzjoni f'waħda ta' reat differenti u f'waħda aktar gravi għalkemm fil-kompetenza ta' l-istess Qorti

fi stadju tard tal-proċedura meta l-imputat ikun ġa xehed (jew għażel li ma jixhidx) u eżawrixxa l-provi tiegħu;''

Illi wara li wieħed jeżamina il-premess f'moħħu ma jidher li hemm ebda raġuni valida għaliex din il-qorti m'għandiex tilqa' t-talba għall-korrezzjoni mitluba f'dan il-każ. Però il-Qorti wkoll ħalliet sentenza oħra tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali għal dan l-istadju proprju biex iktar tenfasizza dan il-punt u ċjoè dik tal-21 ta' April, 1948 - fl-ismijiet - "Consiglio Mangion *nomine et -vs-* Turu Callus *et* (Vol. XXXIII-IV-673). Din il-kawża kienet proprju fuq korrezzjonijiet ta' l-ismijiet tal-kwerelanti u l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet li l-Qorti tal-Maġistrati kien messa ppermettiet il-korrezzjoni għal dawn ir-raġunijiet:

"1. L-artikolu 372 Kapitolu 12 applikabbli għal dan il-każ ġie interpretat mill-ġurisprudenza bħala li ma hux ta' ostakolu illi jsiru korrezzjonijiet għall-partikolaritajiet; *tutt'al più*, il-kwerelat jew imputat jista' jitlob differiment biex jipprepara ruħu aħjar għad-difiża (ara sentenza Pulizija *-vs-* Bartoli, Appell Kriminali 8/1/38 u sentenzi hemm ċitati);

2. Fis-sistema penali Malti ċ-ċitazzjoni hija ta' oriġini ingliża. Issa fis-sistema ingliża *(Stone's Justices' Manual pag. 23, 1935 Edit)* il-korrezzjonijiet huma permess b'dan illi jekk il-kwerelat jew imputat setgħa kien *misled* bl-iżball, allura hemm lok għal differiment biss;

3. Il-liġi tippermetti korrezzjonijiet simili fl-Att ta' l-akkuża li hu att ferm aktar solenni, fil-ġudizzju plenarju (ara. art. 593 Kap. 12). Kien ikun illoġiku li wieħed jiżiġi "*technical shickness*" akbar (kif sejħilha l-Imħallef Byles), f'att aktar sommarju kif inhi ċ-ċitazzjoni;"

Għalhekk il-Qorti kienet laqgħet l-appell u ppermettiet il-korrezzjoni mitluba;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-kwerelati li permezz tiegħu talbu li din il-qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li tiddikjara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati hija nulla u li tillibera l-kwerelati mill-akkuża prodotta kontrihom minn Emanuel Sciberras għaliex Emanuel Sciberras ma jeżistix u li tikkundanna lill-kwerelant ibati l-ispejjeż tal-libell għaliex bl-ebda mod il-kwerelati ma kinux frivoli fl-oppożizzjoni tagħhom għall-korrezzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar, 1985 quddiem din il-Qorti minn fejn jirriżulta li l-kwerelati Grech Orr u Bencini fil-kwalità tagħhom premessa rtiraw l-appell u l-kwerelanti irtira l-kwerela fil-konfront tagħhom;

Illi għalhekk l-appell odjern jirrigwarda biss l-kwerelat Profs. Sant;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti qed jibbaża l-appell tiegħu prinċipalment fuq l-argument li l-Ewwel Qorti imissha ddikjarat il-kwerela nulla;

Illi din il-Qorti ma tħossx li għandha għalfejn tgħid ħafna, żball f'isem ma jista' jwassal qatt għan-nullita' ta' ċitazzjoni jew ta' kwerela. *Se mai* jista' jwassal għall-ineffikaċja ta' l-istess u għal-liberazzjoni però hu saput kif ben tajjeb spjegat, l-Ewwel Qorti, li żball bħal dawk in eżami jistgħu faċilment jiġu rimedjati salv il-faċilitajiet soliti li l-Qorti hi fid-dover li takkorda lill-

kwerelat biex jiddefenti ruħu, ħaġa li l-Ewwel Qorti ħasbet għaliha;

Fil-fatt s-sentenza tal-Qorti tant hi gradita u komprensiva li din il-Qorti ma tħossx li għanda iżżid fuqha;

*Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-Mons. Prof. Sant* u tikkonferma d-deċiżjoni appellata u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni;

L-ispejjeż ta' l-appell ikunu a karigu ta' l-appellant. Onorarju 60c0 għal kull seduta.